# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2001**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 2587/99 GCD**

**P. Cachia & Sons Limited**

**Vs**

**Saviour Falzon**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut xtara kwantita` ta' minerali, birra, ilma u diversi prodotti ohra tad-ditta Simonds Farsons Cisk plc "on credit" mid-ditta attrici u hallas ghal dan il-prodott minn zmien ghal zmien;

Illi l-konvenut ghad fadallu jhallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,776.61 bilanc fuq il-prezz ta' bejgh ta' diversi prodotti lilu

mibjugha u konsenjati ghall-uzu mill-konvenut fl-istabiliment "Seaside Bar"; u

Illi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmija somma;

Talbet illi din il-Qorti, prevja d-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,776.61 (elf, seba' mija u sitta u sebghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti l-bilanc fuq prezz ta' diversi prodotti tad-ditta attrici lilu mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-11 ta' Ottubru, 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija Ittra ufficjali, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Patrick Cachia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum

stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm